**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 34

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

**Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa b'Urgenza tal-Kunsill Lokali numru 34 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Erba'11 ta'Awwissu 2021, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.**

**Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.**

Mariella Strout — 09 ta' Awwissu, 2021
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier

Online

- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Daryl Connor — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Carlos Zarb
Kunsilliera– Councillors: Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Daryl Connor, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

**<u>34.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija</u>**

Il-kunsill irċieva ttri ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Paul Bugeja u Kunsillier Stephen Cremona.

**<u>34.2 Item: Proġetti</u>**

Is-Sindku Alfred Grima informa li kien hemm biss 6 kunsilliera preżenti u għaldaqstant ma kienx hemm kworum. Skond il-liġi jeħtieġ li jkun hemm ta' l-anqas 7 kunsilliera preżenti biex titkompla l-laqgħa.

17.33 – Il-kunsillier Mario Salerno daħal għall-laqgħa on-line għalhekk il-laqgħa setgħat titkompla.
Is-Sindku nforma, li l-laqgħa ssejħet fid-dawl ta' diskrepanza ta' bejn l-istimi oriġinali u dawk li l-kunsill irċieva fl-aħħar jiem mingħad il-periti tal-kunsill dwar iż-żewġ proġetti ta' Ġnien Joseph.P.Caruana fi Triq Cassarino c/w Triq it-Turisti, Qawra u proġett tal-bandli fi Triq Toni Camilleri, Burmarrad. Informa, li l-korrispondenza u dokumenti neċessarji ntbagħtu qabel b'email lil kull kunsillier.

Fl-email tagħhom datata 30 ta'Lulju, 2021 il-periti DTR infurmaw li l-varjazzjonijiet fl-istimi huma kawża priċipalment minħabba żieda kbira fil-prezzijiet tal-materjal tal-kostruzzjoni, nkluż t-tħaffir u rimi ta' materjal li kważi triplaw, il-ħadid li żdied bi 15% kif ukoll għola il-konkrit.

a. **Proġett Ġnien Joseph.P.Caruana – Triq Cassarino c/w Triq it-Turisti, Qawra**

L-istima oriġinali maħruġa fl-27 ta' Mejju, 2020 kienet t'ammonta għal €267,950 + VAT.
L-istima aġġornata maħruġa fit-13 ta' Lulju, 2021 t'ammonta għal €551.189 + VAT.

b. **Proġett Ġnien - Triq Toni Camilleri, Burmarrad**

L-istima oriġinali maħruġa fl-27 ta' Mejju, 2020 kienet t'ammonta għal €62,950 + VAT.
L-istima aġġornata maħruġa fit-13 ta' Lulju, 2021 t'ammonta għal €110,424.25 + VAT

Il-kunsill ġie nfurmat li fis-26 ta'Lulju, 2021, inżammet laqgħa tal-Bord ta' l-Infrastruttura biex jiġi diskuss dan is-suġġett fejn ġie deċiż dan li ġej;

Illi, rigward Proġett Ġnien Joseph.P.Caruana il-perit joħroġ stima gdida li ma tinkludix, bini ta' latrina pubblika ġdida, il-bini ta' ġibja ġdida ma dik eżistenti, CCTV's u l-bini ta' struttura biex fil- futur jkunu jistaw jitpoġġew l-underground recycling bins.

L-istima aġġornata maħruġa fit-13 ta' Lulju, 2021 t'ammonta għal €416.437 + VAT.

Il-Kunsilliera prezenti tkellmu u semmgħu il-fehma tagħhom dwar il-proġett
Rigward il-Proġett Ġnien Joseph.P.Caruana ta' Triq Cassarino c/w Triq it-Turisti, Qawra il-kunsill approva nem.con mozzjoni imressqa mis-Sindku Alfred Grima sekondata mill-Kunsillier Graziella Galea li tgħid illi;

A) Jekk il-bir eżistenti huwa kbir biżżejjed li jissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-Awtorita ta' l-Ippjanar biex il-kunsill jikwalifika biex jibbenifika bl-akbar ammont ta' finanzi possibbli mill-fond Development Planning Fund (DPF) il-proġett għandu jitmexxa l-quddiem mingħajr ma jsir ieħor addizzjonali
B) L-istruttura nfrastutturali maħsuba biex jitpoġġew undeground bins, ma għandiex tinbena minħabba li l-Avviz Legali 146 tal-2021 jesiġi li jiżdied l-ammont tar-recycling bins, bil-konsegwenza li fl-inħawi ma hemmx spazju biżżejjed. L-ispazju inkwistjoni għandu jibqa liberu b'tali mod li l-quddiem ikun jista faċilment jiġi utiliżżat mingħajr spejjeż addizzjonali.
C) Il-latrina pubblika - Illi, il-latrina pubblika tifforma parti mill-proġett skond il-pjan oriġinali.
D) Ic-CCTV's jinxraw permezz tat-tender maħruġ mir-Reġjun Tramuntana izda għandhom jiġu inkluzi fl-applikazzjoni ta' DPF

Rigward il-Proġett Ġnien - Triq Toni Camilleri, Burmarrad, is-Sindku Alfred Grima qal li hemm ħtieġa li l-kunsill jagħmel rikjesta formali sabiex l-iffinanzjar tal-proġett Ġnien - Triq Toni Camilleri jiġi ffinanzjat mill-planning gains li kienu ġew imposti mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fuq l-applikant għall-ħrug tal-permess PA 5374/08 fejn kien maqbul li dawn il-finanzi jiġu nvestiti fil-Bandli.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni dwar il-Proġett Ġnien, Triq Toni Camilleri, Burmarrad li tgħid illi,

E) Ic-CCTV's jinxraw permezz tat-tender maħruġ mir-Reġjun Tramuntana.
F) Il-latrini pubbliċi li hemm fl-inħawi huma propjeta' ta' Burmarrad F.C u għaldaqstant ma għandhomx ikunu nklużi fit-tender. Mill-banda l-oħra, il-ħitan ta' barra ta' l-istess binja għandhom jiġu mbajda.
G) Iċ-ċint diviżorju għandu jinbidel, biss, mhux l-istess jista jingħad għal fence (xibka).
H) Il-funtana eżistenti għanda tiġi rrestawrata u kkonvertita għat-tqegħid tal-pjanti.
I) Jekk l-istima tal-perit ma tinkludix il-ħadid u l-grada (fence) dawn għandhom jiġu nklużа, possibilment l-istess tip ta' dawk tal-proġett ta' Triq Cassarino.
J) Possibilment jitqiegħed xi tip ta' tank li jilqa fiħ ammont ta'ilma biex jintuża għat-tisqija tal-pjanti.

Il-Kunsilliera prezenti tkellmu u semmgħu il-fehma tagħhom dwar il-proġett

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con u sekondata mill-Kunsillier Graziella Galea
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni sabiex il-kunsill japprova fejn meħtieġ xi diskrepanzi fl-istima oriġinali tal-proġett li jinsab kantuniera bejn Triq Toni Camilleri u Triq Burmarrad, Burmarrad u dak li jiċċertifika l-perit, issa li mistennija li jinbdew ix-xogħolijiet. Għall-proġetti Msemmija f'din il-laqgħa s-Sindku qal li hawn il-fuq minn żewġ miljun ewro fondi il-bank.

Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Graziella Galea u approvata nem.con.

Il-laqgħa spiċċat fis-19.25 pm u ġiet aġġornata għall-31 ta' Awwissu, 2021.

| | |
|---|---|
| __________________ | _______________________ |
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |